**A.L ____________ tal-2022**

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

## (KAP. 549)

### Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Multi għal Kull Ġurnata rigward l-Ambjent

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil- Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**

**L.S. 549.72.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Multi għal Kull Ġurnata rigward l- Ambjent u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Multi għal Kull Ġurnata rigward l-Ambjent, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regolamenti prinċipali".

**Jissostitwixxi r- regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.**

**2.** Fil-verżjoni bl-Ingliż tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"1. The title of these regulations is the Daily Fines (Environment) Regulations.".

**Emenda ġenerali.**

**3.** Fir-regolamenti prinċipali, il-kelma "avviż" kull fejn tidher, sakemm it-tali kelma mhijiex parti mill-frażi "tibgħat avviż", jew "tibgħat avviż formali bil-miktub" għandha tiġi sostitwita bil-kelma"Ordni".

**Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.**

**4.** Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) Meta l-Awtorità tibgħat avviż bil-miktub lil persuna skont l-artikoli 76 u 78 tal-Att b'konnessjoni ma' ksur imwettaq taħt l-Iskeda wara d-data li dawn ir-regolamenti jiġu fis-seħħ, għandha tinnotifika wkoll lil dik il-persuna li hija soġġetta għal:

(a) penali amministrattiva ta' mitt euro (€100); u

(b) multa għal kull ġurnata wara ħmistax (15)-il ġurnata mid-data tan-notifika tal-avviż kif stabbilit u stipulat fl-Iskeda."; u

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-

subregolament ġdid li ġej:

"(2) Din il-multa għandha tiġi imposta bla ħsara għal xi multa oħra jew ammont ieħor dovut lill-Awtorità taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att:

Iżda jekk multa tkun dovuta wara l-approvazzjoni mill-Awtorità ta' permess li jkopri r-reat illi fir-rigward tiegħu ikun inħareġ Ordni, għandha tiġi imposta biss il-multa għal kull ġuranta akkumulata jew il-multa ta' regolarizzazzjoni, liema minnhom tkun l-ogħla:

Iżda wkoll jekk ir-reat eżistenti jibqa' ma jkunx kopert b'permess ta' regolarizzazzjoni ambjentali, il-multa għal kull ġurnata għandha tkompli takkumula fuq ir-reat irregolarizzat.".

**Jissostitwixxi r- regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.**

**5.** Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

**Reati konkorrenti u ksur t' Ordni.**

"4. Fejn persuna hija soġġetta għal multi għal kull ġurnata separati għal-reati differenti li jaqgħu taħt kwalunkwe parti mill-Iskeda, il-persuna għandha tkun soġġetta għall-ogħla multa għal kull ġurnata applikabblifi kwalunkwe ħin.".

**Jissostitwixxi r- regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.**

**6.** Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġisostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

**Appell.**

"5. (1) Fejn l-Ordni ġiet appellata skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 76(9) tal-Att, u l-Ordni ġiet ikkonfermata mit-Tribunal jew mill-Qorti tal-Appell, skont il-każ, il-multa hija dovuta minn tali persuna b'seħħ mis-sittax (16)-il jum wara d-data tal-ewwel notifika tal-Ordni skont id-dispożizzjonijiet tal-Att.

(2) Fejn il-persuna nnotifikata bl-Ordni tissottometti applikazzjoni għar-regolarizzazzjoni, mad-deċiżjoni fuq tali applikazzjoni, il-multa dovuta minn tali persuna għandha tiġi fis-seħħ minn sittax (16)-il jum wara d-data tal-ewwel notifika tal-Ordni skont id-dispożizzjonijiet tal-Att.".

**Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.**

**7.** Minnufih wara r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

**Petizzjonijiet sottomessi lit- Tribunal għar- Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.**

"5A. It-Tribunal għar-Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar għandu jeżamina petizzjonijiet sottomessi lilu u għandu jaċċedi

DRAFT

għall-petizzjoni parzjalment jew fl-intier tiegħu meta hemm raġunijiet sodi sabiex jagħmel hekk, bħal:

(a) raġunijiet umanitarji li jtaffu ċ- ċirkostanzi relatati mat-twettiq tar-reat skedat; u

(b) meta n-natura tal-Ordni hija manifestmanet inġusta u, jew oppressiva, u, jew manifestament sproporzjonata fil-kunsiderazzjoni tan-natura u l-fatti tal-każ.".

**Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali**

**8.** Fir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "milli tħallas il-penali" għandha tiġi sostitwita bil-kliem "milli tħallas il- multa".

**Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.**

**9.** Fil-verżjoni bl-Ingliż tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "daily penalty", kull fejn jidhru, għandhom jiġusostitwiti bil-kliem "daily fine".

**Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.**

**10.** Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Sospensjoni ta’ multi."; u

(b) fil-verżjoni bl-Ingliż, il-kliem "daily penalty", kull fejn jidhru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "daily fine".

**Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.**

**11.** Fil-verżjoni bl-Ingliż tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "A daily penalty shall cease, when the subject matter of the notice giving reason for the issuance of such penalty," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "A daily fine shall cease, when the subject matter of the notice giving reason for the issuance of such fine,".

**Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.**

**12.** L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA

| SKEDA TA’ MULTI GĦAL KULL ĠURNATA | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | 0-15 il-ġurnata | 16-50 il-ġurnata | 51-180 il-ġurnata | 181-365 il-ġurnata | 366 il-ġurnata+ |
| Attività mingħajr | xejn | €15/kull ġurnata | €30/ kull ġurnata | €45/ kull ġurnata | €50/ kull ġurnata |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| permess | | | | | |
| Attività mingħajr permess f’sit protett | xejn | €15/ kull ġurnata | €35/ kull ġurnata | €50/ kull ġurnata | €60/ kull ġurnata |
| Nuqqas ta’ konformità ma’ kundizzjonijiet stipulati f’permess / reġistrazzjoni / Ksur ta’ kwalunkwe dispożizzjoni oħra taħt kwalunkwe regolamenti maħruġa taħt l-Att | xejn | €10/ kull ġurnata | €20/ kull ġurnata | €30/ kull ġurnata | €35/ kull ġurnata |
| Nuqqas ta’ sottomissjoni ta' rapporti / *data* lill-Awtorità Kompetenti | xejn | €5/ kull ġurnata | €10/ kull ġurnata | €25/ kull ġurnata | €30/ kull ġurnata |

**Iħassar it-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.**

**13.** It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.

**Dispożizzjoni tranżitorja.**

**14.** Kull Ordni maħruġ qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dawn ir-regolamenti għandu jibqa’ fis-seħħ iżda l-multi għal kull ġurnata applikabbli għandhom ikunu dawk li huma l-aktar favorevoli għall-persuna.

____________________

DRAFT